MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Numru. 688/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Mark Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mark Chetcuti ta' 20 sena mwieled Pieta' nhar il-25 ta' Dicembru 1987, bin Joseph u Antoinette nee' Galea residenti gewwa 86, Nid D'Amour, Triq Leli Falzon, Naxxar u detentur ta' karta ta' l-identita' Nru 12388M.

1. Akkuzat talli nhar it-23 ta' Marzu, 2008 ghall-habta ta' 23.30 hrs gewwa Triq Labour, Naxxar u cioe' barra l-kazin Nazzjonalista, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Audrey Pulis mill-Kalkara skond kif iccertifika Dr. Dorian Xuereb MD ta' l-Isptar Mater Dei;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Audrey Pulis, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se jikkagunalha biza'.
3. Finalment akkuzat aktar talli huwa sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reat, b'sentenza ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju, 2009,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 251B u 251C u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-14 t'Ottubru, 2009 (fol. 79 tal-process), l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

[1] Ara fol. 80 tal-process.

Hemm verzjonijiet differenti tal-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, bejn il-parte civile Audrey Pulis u l-imputat.

*Il-verzjoni tal-parte civile*

1. Audrey Pulis kienet ma' zewgt ihbieb taghha, Rachel Caruana u Mary Rose Piscopo, f'bar, u l-imputat kien ma shabu fl-istess bar, fil-vicinanzi taghhom.
2. Hin minnhom l-imputat gara galletta li giet f'ghajn Audrey Pulis u beda hiereg hafna dmugh.
3. L-imputat mar hdejha u qalilha "taghmilx ghageb qisek belha" u hi imbuttatu minn wiccu u qaltlu biex ihalliha bi kwieta.
4. Wara ftit Audrey Pulis u shabha hargu barra quddiem il-bar biex Audrey tiehu ftit arja minhabba ghajnejha.
5. L-imputat gie irrankat minn warajha u xejrilha daqqa ta' ponn fuq in-naha tal-lemin ta' wiccha fuq imnieherha, u beda hiereg hafna demm minn imnieherha.
6. Pulis marret l-Isptar San Luqa fejn hadulha x-ray u Dottor Dorian Xuereb irrilaxxa certifikat fejn qal li Pulis kienet qed issofri *"minn fracture of nasal bones"* u li l-ferita kienet gravi *per durata.*[2]
7. Mr. Anthony Griscti Soler, li ezamina lil Pulis kemm l-isptar San Luqa u kemm privatament irrilaxxa certifikat fejn qal hekk:[3]

   *"On examination her nose was central and so was her nasal septum. The nose however was very swollen and looked flattened. ... ...*

   *An X-ray of her nose did not show any fracture.*

   *She was reviewd again on the 3rd. April 2008. The appearance of her nose looked normal. She did complain of some nasal blockage and nasal pain. The pain is probably due to the trauma she suffered.*

   *I estimate that she is suffering from 1% disability."*

[2] Ara Dok ET2 a fol. 12 tal-process.
[3] Ara Dok ET3 a fol. 13 tal-process.

8. Fil-mori ta’ dawn il-proceduri, din il-Qorti hatret lil Dottor Mario Scerri bhala espert sabiex jara jekk Audrey Pulis ghadhiex issofri minn xi griehi li ghandhom x’jaqsmu mal-incident in kwistjoni.[4] Dottor Mario Scerri xehed hekk:[5]

*“Konkluzjoni illi din il-mara veru meta kellha l-incident kellha nefha grotteska ta’ l-imnieher, veru li ma kellhiex frattura tan-nasal bone. Allegat li qed ikollha bleeding mir-right nostril pero ma kellhiex evidenza ta’ bleeding la frisk u lanqas antik. U l-istat taghha kif inhu hu normali u ma ghandha xejn li baqa’ jidher within talking distance.”*

*Il-Versjoni tal-Imputat*

L-imputat ghazel li ma jixhedx f’dawn il-proceduri, pero fl-istqarrija tieghu, huwa qal li l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi hu kien qed jiccajta ma shabu mal-bar u tefa’ galletta.
2. Meta ra li l-galletta laqtet tfajla li kienet mal-bar ukoll, u mar jara xi gralha. Din it-tfajla dahret ghalih, qabditlu xaghru u capcpitielu go wiccu. Hu dak il-hin qaghad kwiet.
3. It-tfajla harget barra ma shabha li bdew jippruvaw jikkalmawha u shabu hargu barra wkoll biex jaraw x’gara. L-imputat hareg maghhom.
4. It-tfajla kompliet tghajjru, u dak il-hin mar ghaliha u ta daqqa ta’ ponn.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Irtirar tal-Kwerela*

[4] Ara fol. 44 tal-process.
[5] Ara xhieda ta’ Dottor Mario Scerri fol. 62 *et seq.* tal-process, u r-rapport tieghu a fol. 64 tal-process.

Din il-Qorti se tikkonsidra fl-ewwel lok il-verbal li sar mill-abbli difensur tal-*parte civile* fl-ahhar tal-proceduri.

Fl-ahhar seduta li kienet intiza ghat-trattazzjoni finali, Dottor Roberto Montalto, l-abbli difensur tal-parte civile ghamel is-segwenti verbal:[6]

*"Dr Roberto Montalto ghall-parte civile jiddikjara li fl-ewwel lok huma jaqblu li mill-atti u partikolarment mir-relazzjoni tal-espert medikolegali Dr Mario Scerri, jirrizulta li l-ferita li sofriet l-istess parte civile fl-incident mertu tal-kawza kienet wahda ta' natura hafifa.*

*Illi ta' din il-ferita, illum stess id-difensur tal-imputat ghadda lill-parte civile il-kumpens ghad-danni li sofriet u dan a saldu ta' kull pretensjoni li hija ghandha kontra l-imputat.*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-parte civile qeghda issa tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali istitwitha minnha.*

*Dr Roberto Montalto ghall-parte civile ukoll izid li ghall-finijiet tat-tieni imputazzjoni, peress illi l-incident kien wiehed uniku u izolat, allura l-imputat m'ghandux jinstab hati tal-istess tieni imputazzjoni."*

Pero bid-dovut rigward lejn l-abbli difensur tal-parte civile, din il-Qorti ma taqbilx li mill-atti jirrizulta li l-parte civile sofriet biss ferita ta' natura hafifa. Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma specifikax liema ferita gravi kontemplata fl-Artikolu 216 qed jirreferi ghaliha. Pero, mill-assjem tal-provi, jidher car li l-Avukat Generali qed jikkampa l-imputazzjoni tal-ferita gravi fit-termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi li l-ferita hija gravi *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"* Dan ghaliex, gie ippruvat li fil-fatt il-parte civile ma sofrietx ksur f'imnehirha, kif kien originarjament iccertifika Dottor Dorian

[6] Ara fol. 99 tal-process.

Xuereb. Apparti x-xhieda ta' Dottor Anthony Grixti Soler u Dottor Mario Scerri, l-istess Dottor Dorian Xuereb ikkonferma f'dawn il-proceduri li ma kienx hemm ksur, kif haseb ghall-ewwel.[7]

Issa it-tlett tobba qablu li wara d-daqqa ta' ponn, Pulis kellha nefha sostanzjali f'imnehirha – Dottor Mario Scerri jiddiskreviha bhala *"nefha grotteska"*. Pero Dottor Anthony Grixti Soler xehed li hu rega' ra lil Pulis xi gimgha wara l-incident in kwistjoni, hija *"dehret kompletament normali"*.[8] L-espert Dottor Mario Scerri, li ra lil Pulis sena wara l-incident ukoll jghid li hija ma ghandha xejn li baqa' jidher *within walking distance.*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[9] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspett notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V., __**Trattato di Diritto Penale Italiano**__, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-__regolarita'__ tal-wicc, fl-__armonija__ tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-__sbuhija__ tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (__**Il-Pulizija v. Emily Zarb**__, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[10] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi* __***u***__ *permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz*

---

[7] Ara xhieda ta' Dottor Dorian Xuereb a fol. 68 tal-process.
[8] Ara xhieda ta' Dottor Anthony Grixti Soler a fol. 65 tal-process.
[9] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano
[10] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjoniji differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[11] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

Fil-verbal fuq citat, l-abbli difensur tal-parte civile jghid li huma jaqblu li l-parte civile sofriet ferita ta' natura hafifa. L-abbli difensur tal-parte civile donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Fid-dawl tal-insenjament kif spjegat mill-Qorti tal-Appell Kriminali aktar il-fuq, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tad-difiza. Kif qalet dik il-Qorti, mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc. Issa fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, bniedem li ghandu mniehru minfuh – anki jekk dan ghal perjodu qasir ta' ftit granet biss – certament ghandu sfregu go wiccu, kif legalment definit, u li hu vizibbli *within talking distance.*

Ghalhekk, il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-mument li l-imputat ta d-daqqa ta' ponn lil Pulis u sakemm nizlet in-nefha ta' imnieherha, Pulis kellha sfregju go wiccha li jammonta ghal ferita gravi.

Pero mix-xhieda ta' Dottor Anthony Grixti Soler jirrizulta li dan l-isfregju ma kienx ghadu jezisti meta hu rega' ra lil Pulis xi gimgha wara l-incident, ghaliex in-nefha kienet telqet. Dan gie konfermat ukoll mill-espert Dottor Scerri li ra lil Pulis sena wara l-incident.

Ir-reat ta' ferita gravi huwa prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u ghaldaqstant il-parte civile ma tistax tirtira l-kwerela fil-konfront ta' dan ir-reat.

Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-meritu tal-imputazzjonijiet.

[11] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.

*Il-Meritu*

Rigward l-ewwel imputazzjoni din il-Qorti diga waslet ghal konkluzjoni, ghar-ragunijiet fuq elenkati, li Pulis sofriet ferita gravi. Il-kwistjoni hija jekk l-imputat huwiex responsabbli ghal dan ir-reat o meno. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-versjoni tal-fatti moghtija minn Audrey Pulis hija dik veritiera. Din il-versjoni hija korroborata fl-intier taghha mix-xhieda ta’ shabha Rachel Caruana u Mary Rose Piscopo. Ghalkemm ix-xhud Godwin Camilleri jikkorrobora lill-imputat f’xi aspetti tax-xhieda tieghu, din il-Qorti ma tqisx li dan ix-xhud huwa wiehed attendibbli ghaliex l-ewwel jghid li l-incident barra l-bar ma rahx ghax kien sejjer, imbaghad jghid li ra lil Pulis timbotta lill-imputat u l-imputat imbuttha f’wiccha – verzjoni li lanqas taqbel ma’ dik li ta l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti issib lill-imputat hati li kkaguna lil Audrey Pulis ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Fit-tieni imputazzjoni, l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Artikolu 251B u 251C tal-Kodici Kriminali, li jittrattaw meta persuni jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom. Fir-rigward ta’ dawn ir-reati, il-Qorti taqbel ma’ dak li issottometta l-abbli difensur tal-parte civile, li dan kien incident uniku u izolat, u ghalhekk l-imputat mhux hati ta’ din l-imputazzjoni.

Rigward it-tielet imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, giet ippruvata bis-sentenza ezebita mill-Prosekuzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat hallas pekunarjament lill-parte civile ghad-danni li ikkagunalha, u l-parte civile irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali istitwitha minnha –

ghalkemm dan ghar-ragunijiet fuq spjegati ma setghetx taghmlu. Pero xorta jibqa' l-fatt li jirrizulta li l-parte civile m'ghandhiex aktar interess f'dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat mhix netta, lanqas hija wahda allarmanti. Huwa ghandu tlett kundanni minn dawn il-Qrati, tnejn minnhom relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

Inoltre, l-isfregu li ghalih instab hati l-imputat dam biss ftit jiem.

Konsiderati c-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni tal-Qorti, l-piena m'ghandhix tizdied bi grad minkejja li l-imputat hu recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 216(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija erba' u disghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€194.85), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------